# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2018**

**Numru 5**

**Rikors numru: 1267/07AF**

**Charles u Maria Dolores konjugi Grech**

**v.**

**Cecil Herbert Jones**

Preliminari

1. Rat ir-rikors imressaq fid-29 ta' Lulju, 2016, li bih l-intimat ritrattand Cecil Herbert Jones ippremetta illi:

> "1. Illi din il-procedura qed issir wara li r-rikorrent ritrattand Cecil Herbert Jones (Cecil Jones) inghata l-beneficcju ta' ghajnuna legali u tikkonsisti f'talba maghmula taht l-art. 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna li tigi ritrattata l-procedura deciza minnha stess fid-29 ta' April 2016 fl-ismijiet 'Charles u Maria Dolores konjugi Grech vs Cech Herbert Jones' Appell (Rik. Gur. 1267/2007AF) (**Dok A),** li saret res iudicata, u dan wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza minhabba ghallinqas wahda

mir-ragunijiet tassattivi mil-ligi ghal dawk il-kapi hawn taht imsemmija tas-sentenza attakkata.

"2. Illi l-esponent ritrattand qieghed jinvoka zewg (2) kawzali separati ghat-thassir tas-sentenza imsemmija u cjoe` dik imsemmija mis-subinciz **811 (k)** tal-Kap. 12 li instab dokument deciziv u dik imsemmija mis-subinciz **811 (l)** tal-Kap. 12 li s-sentenza attakkata kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

"3. Ghall-finijiet tal-artikolu 813 tal-Kap. 12 jigi umilment rilevat li l-Kap tas-sentenza attakkata u l-kapi l-ohra li jkunu dipendenti minnhom huma limitati ghal dak li jirrigwarda biss id-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti tad-29 ta' April 2016 dwar it-tieni (2), it-tielet (3) u s-sitt (6) aggravju tal-appell relattiv tar-ritrattand mis-sentenza finali appellata tad-9 ta' Frar 2012 **(Dok. B).** L-aggravji imsemmija dwar is-sentenza finali appellata tad-9 ta' Frar 2012 huma li l-ewwel Qorti ma kellhiex tghaddi il-piz tal-prova fuq ir-ritrattand, li l-ewwel Qorti ma kellhiex biex taqleb prezunzjonijiet legali u lil-ewwel Qorti kienet ferm impressjonata minn argument simplistiku ghall-ahhar cjoe ladarba l-esponent ma fetahx ghar-rapprezentanti tas-servizzi allura ma kienx joqghod fil-fond.

"4. Ghall-finijiet ta' dak dispost fl-artikolu 815 tal-Kap. 12 jigi umilment rilevat li billi r-ritrattand inghata l-beneficcju ta' ghajnuna legali mhux applikabbli id-disposizzjonijiet tal-istess artikolu 815 rigward il-garanziji kontemplati mill-istess. F'dan ir-rigward ir-ritrattand umilment jaghmel riferenza ghal dak dispost fl-artikolu 920 tal-Kap. 12 u qieghed jannetti kopja tad-digriet relattiv moghti fl-14 ta' Lulju 2016 fejn inghata l-beneficcju tal-ghajnuna legali **(Dok. C).**

(FATTI)

"5. Illi b'dik is-sentenza tad-29 ta' April 2016 din l-Onorabbli Qorti kkonfermat sija s-sentenza preliminari tas-7 ta' Mejju 2009 kif ukoll is-sentenza finali tad-9 ta' Frar 2012 it-tnejn moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili, Prim'Awla. Effettivament is-sentenza attakkata ipprefeggiet terminu ta' tliet xhur sabiex l-esponent Cecil Jones jizgombra mill-fond ‚Sacred Heart", Gorse Street, B'Kara, u cjoe` ir-residenza tieghu;

"6. In succint, il-fatti ewlenin li jsawru l-kaz juru li omm l-esponent kellha l-kirja tal-imsemmi fond izda din mietet fis-sena 2007. Wara xi zmien is-sidien relattivi intavolaw proceduri sabiex jizgombraw lill-esponent abbazi tal-premessa taghhom li kien qed jokkupa l-fond minghajr titolu validu fil-ligi. Min-naha l-ohra u n lineja difensjonali principali, l-esponent invoka li kien residenti fil-fond meta mietet ommu u allura isegwi li kellu igawdi l-protezzjoni taht il-Ligijiet Specjali dwar il-Kera. Iz-zewg nahat ressqu l-provi rispettivi izda d-decizjoni kienet aversa ghall-

esponent. Mir-rizultanzi relattivi rappresentant tal-Water Services Corporation xehdet hekk: „F'dawn il-hames snin l-arlogg tal-ilma huwa stopped. Il-meter reading baqa' l-istess ghal 5 snin. Mis-sena 2000, il-kont dejjem inhareg estimate ghaliex qatt ma kien hemm hadd biex il-meter reader ikun jista' jaqra l-meter. … l-istess bejn 2002 sa April 2003." Jidher li testimonjanza wasslet biex tissielet il-konkluzjoni li ladarba il-meter kien "stopped" allura ifisser necessarjament li ma kienx qed isir uzu mill-fond in kwistjoni bhala residenza mill-esponent. Raffrontata b'din ir-risultanza processwali din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma tat l-ebda valur probatorju lir-risultanzi l-ohra u kkonfermat l-ordni ta' zgumbrament.

"7. Li l-Onorabbli tal-Appell eskludiet l-provi l-ohra jirrizulta mis-sentenza attakkata u partikolarment mill-brani riprodotti kif gej:

> 31. Invece, kif osservat ben tajjeb l-ewwel Qorti, kienet prova sinjifikanti dik li ressqu l-atturi fir-rigward tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma. Meta tellghu lil Annabelle Camilleri mill-Water Services Corporation, hija xehdet li sas-sena li mietet l-omm il-meter kien dejjem juri li kien hemm konsum tad-dawl u <u>tal-ilma izda fil-hames snin susseqwenti r-"reading" baqa l-istess. Certament li tali prova timmilita ferm favr it-tezi tal-atturi w issostni t-tezi taghhom,</u> u ghalhekk f'tali stadju l-piz tal-prova ghadda fuq il-konvenut appellant biex jipprova li ghandu titolu validu.
>
> 34. Kuntrarjament ghal dak li jsostni l-konvenut appellant, <u>fil-fehma ta' din il-Qorti l-atturi appellati gabu prova pjuttost qawwija biex ixxejjen il-prezunzjoni iggenerata mill-karta tal-identita` bhala prova tal-indirizz ewlieni ta' persuna, meta wrew li ma kienx hemm konsum ta' dawl u ilma fil-post in kwistjoni.</u> L-istess sentenza citata irriteniet li sabiex jigi stabbilit jekk persuna kellhiex ir-residenza ordinarja taghha f'post partikolari huma rilevanti c-cirkostanzi kollha tal-kaz illi jistghu jindikaw jekk il-membru tal-familja kienx qieghed jaghmel uzu mill-fond in kwistjoni ghal dawk l-iskopijiet li wiehed jifhem b'residenza ordinarja:
>
> 34. <u>Evidentement in-nuqqas ta' konsum tad-dawl u l-ilma juri li ma kien qed isir l-ebda uzu simili mill-fond in kwistjoni wara l-mewt ta' omm il-konvenut appellant</u> u ghalhekk xejn ma jiswa li skont ir-Registru Elettorali l-konvenut appellant kien jidher imnizzel fuq tali fond.

"8. Illi f'Gunju 2016 u cjoe **<u>wara</u>** li inghatat is-sentenza imsemmija tad- 29 ta' April 2016 ir-ritrattand inghata document **(Dok. D.)**, minn certa Mariana Azzopardi Spiteri impjegata mal-ARMS Limited fejn jirrizulta car li l-esponent Cecil Jones ilu registrat fil-fond in kwistjoni mis-sena 1996. Meta l-esponent saqsa lill-istess impjegata jekk tistax tikkonferma ukoll jekk kienx hemm konsum matul il-perijodu 1996 sas-sena 2008 hija rispondietu fl-affermattiv izda tali konferma bil-miktub tinghata

biss bil-permess tas-superjuri taghha. L-esponent avvicina diversi impjegati tal-istess ARMS u kollha tawh x'jifhem li l-informazzjoni hija accessibbli b'ordni tal-qorti biss. Dawn il-persuni jistghu jingiebu bhala xhieda u jigu ordnati jaghtu s-spjegazzjonijiet mehtiega u ulterjuri.

(L-EWWEL KAWZALI (Art. 811(k) Kap. 12))

"9. L-artikolu 811 (k) jipprovdi hekk: „Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell … tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin: … (k) jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghetx iggibu, qabel dik is-sentenza;".

"10. Illi huwa evidenti li r-ritrattand ma kienx jaf bl-imsemmi **Dok. D** qabel Gunju 2016.

"11. Illi r-ritrattand qed umilment jissottometti li l-imsemmi **Dok. D** jekwivali ghal "sejbiet ta' dokument deciziv" kif kontemplat fis-subinciz 811(k).

"12. Di piu` r-ritrattand jissottometti li **d-dokument l-iehor li ghad irid jingieb** b'ordni tal-Qorti huwa wkoll "Dokument deciziv li bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghetx iggibu, qabel dik is-sentenza".

"13. Ghal din ir-raguni li tigi mfissra ahjar waqt is-sottomissjonijiet relattivi fl-istadju opportun, ir-ritrattand umilment jissottometti li din l-Onorabbli Qorti ghandha thassar is-sentenza attakata u tordna li ssir ir-ritrattazzjoni.

(IT-TIENI KAWZALI ( Art. 811(1) Kap. 12))

"14. L-artikolu 811(1) jipprovdi hekk: "Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell … tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin …(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza.

"15. Illi r-rittrattand qed umilment jissottometti ukoll bhala kawzali separata li l-istess **Dok. D** hija prova li s-sentenza attakkata "kienet l-effett ta' zball" kif kontemplat fis-subinciz 811(1).

"16. Ghall-finijiet tal-proviso relattiv ghas-subinciz 811(l) jigi umilment rilevat li:

1. li d-decizjoni tad-29 ta' April 2016 **kienet** ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt (cjoe` l-Qorti tal-Appell eskludiet kwalsiasi tifsira ohra tal-kliem "stopped meter") li l-verita tieghu hija bla ebda dubju eskluza bil-fuq imsemmi **Dok. D** kif ukoll id-dokument li ghad irid jigi esebit, u
2. dik l-eskluzjoni ta' tifsira tal-kliem ma kinitx il-punt li kien deciz bis-sentenza. F'dan ir-rigward l-esponent umilment jirrileva li "il-punt deciz bis-sentenza" kien jekk l-esponent kellux titolu validu jew le biex jkompli jokkupa l-fond in kwistjoni.

"17. Ghal din ir-raguni li tigi mfissra ahjar waqt is-sottomissjonijiet relattivi fl-istadju opportun, ir-ritrattand umilment jissottometti li din l-Onorabbli Qorti ghandha thassar is-sentenza attakkata u tordna li ssir ir-ritrattazzjoni.

(TALBIET)

Ghalhekk l-esponent Cecil Jones umilment jadixxi li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tikkonferma li l-istess Cecil Jones (bil-karta tal-identita` numru 271458M) huwa mehlus milli jgib il-garanziji kollha imsemmija fl-artikolu 815 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura (Kap.12) billi huwa beneficarju ta' ghajnuna legali;

Tiddikjara li jezistu ragunijiet bizzejjed biex issir ir-ritrattazzjoni tad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti moghtija fid-29 ta' April 2016 fl-ismijiet Charles u Marie Dolores konjugi Grech vs Cecil Herbert Jones Appell (Rik. Gur. 1267/2007AF) dwar it-tieni (2) u t-tielet (3) u s-sitt (6) aggravju tal-appell relattiv tal-esponent mis-sentenza finali appellata tad-9 ta' Frar 2012;

Tirrevoka dik il-parti relattiva tad-decizjoni suriferita ta' din l-Onorabbli Qorti u cjoe` d-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti tad-29 ta' April 2016 dwar it-tieni (2),it-tielet (3) u s-sitt (6) aggravju tal-appell relattiv tal-esponent mis-sentenza finali appellata tad-9 ta' Frar 2012 moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili, Prim'Awla.

Tordna r-ritrattazzjoni skond il-ligi. Bl-ispejjez.".

2. Rat it-Twegiba mressqa mir-rikorrenti appellati mizzewgin Grech ipprezentata fit-12 ta' Awwissu, 2016, fejn esponew l-oppozizzjoni

taghhom ghat-talba li l-appell jerga' jinstema' mill-gdid bit-thassir tas-sentenza appellata billi qalu li:

> "Illi mill-ewwel ghandu jinghad li r-rikors in dezamina huwa monk, irritwali u t-talbiet hekk kif hemm dedotti jistghu jwasslu biss ghal konkluzjoni wahda, u cioe` ghac-cahda taghhom, u dan kif ser jigi spjegat 'il quddiem.
>
> Illi pero` qabel ma r-ritrattati sejrin jirrispondu ghar-rikors kemm mill-aspett procedurali u kif ukoll fil-meritu tieghu jkun mhux biss utili izda fondamentali li jaghmlu sottomissjoni introduttorja dwar kif gie redat dan ir-rikors u l-frivolezza assoluta tieghu.
>
> Illi minghajr delungar, ir-ritrattati jissottomettu li s-saltna tac-certezza tad-dritt hija wahda sograsanta u ma tista' qatt tithalla tinkiser jew tittanta tiggebbed b'dan il-mod vessatorju. Kif sejjer jigi spjegat, il-meritu tar-rikors mhux biss sempliciment vessatorju izda jirrispekja fih nuqqas bazilari tal-aktar elementi necessarji tal-istitut tar-ritrattazzjoni. Fid-dawl ta' dak skritt fir-rikors, aktar tissahhah t-tezi tar-ritrattati li dan ir-rikors huwa l-ahhar attentat inutili ghal dilungar ta' din is-saga li issa ghandha kwazi ghaxar snin. Ir-ritrattati umilment jissottomettu li din l-Onorabbli Qorti ghandha twassal messagg li dawn it-tip ta' manuvri ghandhom jigu censurati. Wiehed ma jistax jippretendi li jutilizza rimedju daqshekk straordinarju ai fini tac-certezza legali u cioe` l-istitut tar-ritrattazzjoni b'dan il-mod daqshekk laxk u karenti minn pedament legali.
>
> Illi r-ritrattati sejrin issa jissollevaw pregudizzjali ta' natura procedurali fil-konfront tar-rikors issa attakkat.
>
> Illi jinghad li t-talbiet jikkontjenu talba sabiex ir-ritrattand jigi konfermat li m'ghandux bzonn jaghmel forma ta' garanzija u talbiet ghar-ritrattazzjoni tat-tlieta mill-aggravji tieghu fl-appell antecedenti. Illi ghalhekk il-pregudizzjali sollevata sejra bilfors tinqasam fuq zewg binarji:
>
> Illi fl-ewwel lok jinghad li t-talba ghall-helsien tal-hlas ta' garanzija ghandha ssir b'mod precedenti ghar-rikors ghal ritrattazzjoni. L-artikolu 920 jikkontempla biss hlas ta' drittijiet u spejjez izda mhux ghal garanzija tal-ezekuzzjoni. L-amalgamazzjoni ta' din it-talba fir-rikors hija ghalhekk procedura zbaljata.
>
> Illi fit-tieni lok it-tieni u t-tielet talbiet huma wkoll hziena. B'kull dovut rispett l-aktar gwida li tirrizulta mil-ligi dwar x'talba tista' issir fil-proceduri ghal ritrattazzjoni temergi cara mid-dispost tal-Artikolu 813 tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-verita` ir-ritrattati sabu diffikulta` ihejju din ir-riposta fir-rigward ta' di nit-talba ghaliex jinsabu konfuzi dwar l-ezitu favorevoli f'kaz ta' akkoljiment ta' din it-talba. Dan qieghed jinghad ghaliex ghalkemm strettament wiehed jista' jargumenta li aggravju jista' jissejjah kap ta' sentenza, ir-ritrattant ghogbu jitlob ritrattazzjoni fuq tliet aggravji biss. Ghalhekk, illum, certament, ma saritx talba ghal ritrattazzjoni tal-bqija tal-aggravji b'mod li allura l-meritu fuq l-aggravji l-ohra kapitolu maghluqa. Ir-ritrattati ftit jistghu jifhmu kif fl-ewwel lok tintalab ritrattazzjoni ta' aggravju singulari u mhux kap ta' sentenza, u fit-tieni lok fejn sejjer iwassal dan it-tip ta' ezami. Dan qieghed jinghad ghaliex it-talba originali kienet wahda biss, u cioe` l-izgumbrament tar-ritrattand, isegwi ghalhekk li jekk id-difiza tieghu falliet fuq sitt binarji, izda ghogbu biss jitlob ritrattazzjoni fl-ezitu ta' tlieta minnhom, allura d-difiza krollat. Dan sejjer iwassal ghal konkluzjoni wahda biss, u cioe` ghal aktar konfuzjoni legali u aktar tkissir tal-principju tac-certezza legali.

<u>Mertu: Dokument allegatament gdid</u>

......................................... omissis ............................................

Ili dan id-dokument certament ma jistax jinghad li huwa dokument gdid u li "huwa evidenti li r-ritrattand ma kienx jaf" bih. Huwa dokument li seta facilment jigi prodott matul is-smigh tal-kawza u aktar minn hekk, addirittura kienu xehdu n-nies relevanti. Ghal xi raguni r-ritrattand qatt ma ghogbu jitlob dan id-dokument f'dak il-waqt u qieghed jerga' jittanta l-proceduri kollha issa.

Illi in oltre r-ritrattand ma jispjegax x'hila uza sabiex jingieb dan id-dokument. B'mod mill-aktar simplistiku huwa jghid li saqsa ghalih, u inghatalu dan id-dokument. Allura fejn hija l-impossibilita` li tali manuvra issir qabel?

Illi di piu` pero qatt ma jista' jinghad li dan id-dokument huwa wiehed determinanti. Fil-kunsiderazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza de quo agitur jinghad li fattur materjali u determinant kien l-uzu ta' dawl u ilma kien kompletament wieqaf sa mis-sena 2005 u mhux li r-ritrattand kien jew ma kienx registrat. Ghalhekk assolutament dan id-dokument ma jbiddel xejn fir-ragunijiet maghmula minn l-Onorabbli Qorti.

Illi c-certezza legali hija fondamentali fis-sistema legali nostrana u dan ir-rikors huwa verament abbuz tal-istess. F'dan is-sens ikun opportun li ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Dr.A. Bencini noe –vs- Dr. R. Zammit Pace noe**, moghtija mill-Qorti ta' l-Appell nhar l-20 ta' Frar, 1996, fejn intqal hekk:

> "Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-

> gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima res judicata pro veritate habetur."

.................. omissis ...........................

**Mertu: zball li jirrizulta mill-atti**

Illi finalment u verament b'sottomissjoni ridotta, ir-ritrattati jirrespingu din is-sottomissjoni maghmula mir-ritrattand. Huwa palezi u car daqs il-kristall li zball li jirrizulta mill-atti jrid necessarjament jirrizulta mill-atti.

Illi r-ritrattati jaghmlu referenza ghas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti (diversament presjeduta) ta' nhar it-28 ta' Jannar 2005 fl- **ismijiet Gourmet Company Limited u Domenico Savio sive Savio Spiteri v. Mariano Vella** (App Civ 127/1997/2) fejn intqal hekk

> "Di diritto" tajjeb li jinghad li taht dan is-subinciz in ezami dawn il-Qrati – hekk ara, fost hafna ohrajn, is-sentenza moghtija in re: "Gaetano Mifsud vs. noe. Vs. Anthony sive Tony Aquilina" deciza fis-16 ta' Frar, 2004, Qorti ta' l-Appell – dejjem segwew dak li jghallem il-Mattirolo li l-izball irid ikun zball materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni, jigifieri li, "secondo questa disposizione l'errore che puo' costituire motivo di ritrattazione deve essere un errore materiale di fatto e non un errore di criterio e di interpretazione " (ara wkoll sentenza in re: "Gauci vs. Fenech", Koll. Vol.XXIV – I – 609; u Koll. Vol. XXV – I – 137).

Fit-tieni lok, irid ikun zball li jkun jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, liema zball irid ikun wiehed manifest. Fit-tielet lok, mhux kull zball ghandu jwassal necessarjament ghall-possibilita` ta' ritrattazzjoni ghax tali zball jehtieg li jkun wkoll iddetermina d-decizjoni tal-gudikant, jigifieri li l-istess zball ikun ikkostitwixxa l-fundament ewlieni tas-sentenza. Ghalhekk, isegwi li ma jkunx hemm verament lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm possibilment vizzjata minn xi zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi xorta wahda sorretta b'ragunijiet ohra ndipendenti minn dik li tkun zbaljata. Fir-raba' u l-ahhar lok l-ezistenza o meno ta' fatt li fih manifestament ikun zbaljat il-gudikant ma jridx ikun punt ta'kontroversja, jigiferi punt kontradett u dibattut bejn il-partijiet li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat.".

Illi jinghad li wiehed ma jistax jittanta jargumenta li ghax issa instab dokument gdid u deciziv mis-sema qisu xi forma ta' manna, jista juza dak id-dokument bhala zball ta' ezami tal-atti meta dan ma kienx fl-atti. Din l-interpretazzjoni hija zbaljata,

perikoluza fin-nuqqas ta' logika taghha u turi nuqqas ta' abilita` interprettativa bazika."

............................... omissis

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

3. Illi din hija kawza li fiha qed jintalab li l-intimat ritrattand ghandu jizgombra mill-fond "Sacred Heart", Gorse Street, B'Kara, proprjeta' tar-rikorrenti ritrattati, u dan stante li hu ma ghandu l-ebda titolu validu skont il-ligi sabiex jokkupa l-imsemmi fond.

4. Illi hu opportun li l-Qorti ssemmi certu osservazzjonijiet maghmula mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-29 ta' April, 2016, li huma rilevanti fir-rigward tat-tlett aggravji li ssir referenza ghalihom fir-rikors ta' ritrattazzjoni u l-allegata prova dokumentarja gdida:

   i. ix-xhieda ta' Annabelle Camilleri[1] mill-Water Services Corporation kienet prova "sinjifikanti" ghaliex din xehdet li l-arloggi tad-dawl u tal-ilma dejjem urew konsum sas-sena li kienet mietet omm ir-ritrattand, filwaqt li fil-hames snin ta' wara l-qari tal-arloggi kien baqa' l-istess;
   ii. ma kien jiswa xejn li fuq ir-Registru Elettorali isem ir-ritrattand kien imnizzel fuq il-fond inkwistjoni meta n-nuqqas ta' konsum ta' dawl u ta' ilma kien juri li ma kienx qed isir uzu minn dak il-fond wara l-mewt ta' omm l-istess ritrattand;
   iii. l-ewwel Qorti ma kienetx iddecidiet il-kawza abbazi tal-fatt li ma kien fetah hadd meta kienu marru r-rapprezentanti tas-servizzi fil-post in kwistjoni.

[1] Seduta 14 ta' April, 2010, a fol 73 u 74.

5. Illi l-konsiderazzjonijiet legali li jirrigwardaw il-kwestjoni tas-smigh mill-gdid ta' kawza li dwarha tkun inghatat sentenza li saret gudikat, iridu jimxu mal-principju li r-rimedju tar-ritrattazzjoni mahsub fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili huwa wiehed straordinarju li jithalla jintuza' biss fil-kazijiet u fic-cirkostanzi msemmija espressament fl-istess Kodici. Minbarra dan, it-tifsira tal-istess cirkostanzi li tahthom jista' jintalab tali rimedju, ghandha tkun wahda ta' "interpretazzjoni strettissima"[2] jekk mhux ukoll b'applikazzjoni rigida li ma timxix b'xebh jew b'analogija[3].

6. Illi l-process tas-smigh u t-trattazzjoni mill-gdid ta' kawza deciza ghalhekk, fih zewg fazijiet: l-ewwel it-tiftix tar-raguni li tista' twassal ghat-thassir tas-sentenza moghtija *(in rescindendo)* imbaghad jekk din ir-raguni tinstab, is-smigh mill-gdid tal-kawza fl-istadju li tkun waslet fih meta nghatat is-sentenza li tkun twaqqghet (*in rescissorio)*[4]*.* Sakemm tkun ghadha qieghda tqis jekk jezistux ragunijiet tajbin bizzejjed biex thassar is-sentenza attakkata, ix-xoghol ta' din il-Qorti huwa dak li tara biss jekk kemm-il darba tirrizultax imqar wahda mic-cirkostanzi procedurali mahsubin fl-artikolu 811 tal-imsemmi kodici. Fl-istadju *in rescindendo* din il-Qorti m'ghandhiex tgharbel mil-gdid dwar jekk

[2] App. Civ. **18.4.1958** fil-kawza fl-ismijiet ***Aquilina vs Aquilina*** (Kollez. Vol: **XLII.i.227).**
[3] App. Inf. **12.5.2003** fil-kawza fl-ismijiet ***Mildred Ferrando vs Loris Bianchi pro et noe.***
[4] Kumm. **16.12.1915** fil-kawza fl-ismijiet ***Harrison noe vs Zammit noe*** (Kollez. Vol:**XXII.iii.235).**

hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet ghall-fehmiet taghha fis-sentenza attakkata.

7. Illi dan hu proprju dak li hu rikjest mir-regola tal-htiega tac-certezza tad-dritt u fejn kawza tkun inqatghet b'sentenza li tkun ghaddiet f'gudikat din m'ghandhiex titwaqqa' kif gieb u lahaq, imma biss ghal ragunijiet serji u gravi. Dan kollu mbaghad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur.*

8. Fil-kawza odjerna r-ritrattand qed iressaq zewg ragunijiet ghat-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell: (i) is-sejbien ta' dokument li jaghti lok ghal ritrattazzjoni skont il-para. (k) tal-Artikolu 811 tal-kodici fuq indikat; u (ii) is-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza, li jaghti lok a ritrattazzjoni skont il-para. (l) tal-Artikolu msemmi.

*Il-para. (l) tal-Artikolu 811: sejbien ta' dokument konkluziv.*

9. Ir-ritrattand qed jghid li f'Gunju tal-istess sena, izda wara li nghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-29 ta' April, 2016, hu nghata dokument (Dok. D anness mar-rikors tieghu a fol 281) minn impjegata tal-ARMS Ltd minn fejn kien jirrizulta li ismu kien registrat fuq il-fond in kwistjoni sa mis-sena 1996. Huwa jallega li -istess persuna nfurmatu wkoll li kien hemm registrat ukoll

konsum izda tali nformazzjoni setghet biss tinghata wara permess mis-superjuri taghha. Impjegati ohra tal-ARMS Ltd infurmawh li sahansitra kien hemm bzonn ta‘ ordni tal-Qorti biex hu jkun jista‘ jiehu dik l-informazzjoni. Iddikjara wkoll li dawk il-persuni setghu jitressqu bhala xhieda.

10. Illi sabiex tirnexxi t-talba tar-ritrattand, il-ligi tirrikjedi li d-dokument allegat misjub wara s-sentenza finali jkun wiehed deciziv u mhux maghruf qabel dakinhar mill-parti li tkun qed tipproducih jew ma setghetx tipproducih qabel is-sentenza finali bil-mezzi li kellha fil-ligi.

11. Ir-ritrattand qed jallega li hu ma kienx jaf bid-dokument in kwistjoni qabel id-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell izda dan mhux bizzejjed biex il-Qorti tilqa‘ t-talba tieghu ghal ritrattazzjoni tal-kawza deciza. Id-dokument irid ikun wiehed deciziv u minghajr dubbju dan mhux il-kaz. Il-kawza giet deciza fuq il-fatt li r-ritrattand ma kienx fil-fatt qed joqghod ma‘ ommu, kif baqa‘ dejjem isostni, fis-sena 2005 meta giet nieqsa. Id-dokument li ressaq ma jaghti l-ebda indikazzjoni mod iehor u ma jista‘ izid xejn mal-provi tar-ritrattand li fil-fehma tal-Qorti jista’ jwassalha sabiex tbiddel id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell. Din il-Qorti tosserva li d-dokument anness huwa kopja parzjali ta‘ dokument originali, f’liema kopja hemm informazzjoni importanti nieqsa relattiva ghall-konsum tal-

elettriku, kemm dwar il-perjodu tal-kont kif ukoll dwar il-konsum stess. Fi kliem iehor id-dokument ma jurix il-konsum.

12. Kif diga` osservat fis-sentenza attakkata, il-prova mressqa mir-ritrattati biex ixejnu l-prezunzjoni li tohrog mill-karta ta' l-identita` li r-ritrattand kien jirrisjedi fil-fond in kwistjoni, kienet wahda pjuttost qawwija u n-nuqqas ta' konsum tad-dawl u tal-ilma registrat kien juri li l-ebda uzu ma kien qed isir mill-fond wara l-mewt ta' ommu. Ghalhekk sahansitra giet skartata l-evidenza ta' residenza skont ir-Registru Elettorali. Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ma tarax li d-dokument esebit jista' jitqies b'xi mod bhala wiehed validu ahseb u ara deciziv fil-konkluzjoni tal-proceduri. Dan id-dokument juri biss l-isem ta' omm ir-rittrattand u tal-istess ritrattand u l-indirizz registrat izda xejn aktar.

13. Illi r-ritrattand qed jirrileva wkoll li hemm xi dokument iehor ukoll li ghad irid jingieb, izda dan jista' biss jitressaq wara ordni tal-Qorti, liema dokument ukoll ghandu jkun deciziv u li ma setax jingieb qabel is-sentenza finali. Il-Qorti tosserva li ma nghatatx raguni valida ghaliex ghandha taccetta li tali dokument ma setax jingieb fi stadju aktar bikri tal-proceduri li taghhom qed tintalab ir-ritrattazzjoni. Jekk ir-ritrattand kien tassew qed jirrisjedi fil-fond u ghalhekk kien jaf li kien hemm konsum registrat, hu kellu d-dover li jibqa' jfittex il-prova li setghet ixxejjen il-fehma tal-Qorti favorih.

Barra minnhekk huwa ferm inverosimili li, li kieku r-ritrattand kien vera jghix fil-fond okkupat minn ommu, huwa ma jkollux il-kopja tal-kontijiet li ommu kienet tircievi perjodikament. Anzi l-provi akkwiziti juru mod iehor, jigifieri li l-ebda konsum ma kien registrat wara l-mewt ta' ommu.

*Il-para. (k) tal-Artikolu 811: zball mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.*

14. Illi din il-kawzali mressqa mir-ritrattand tistrieh fuq il-prezunzjoni ta' decizjoni favorevoli fir-rigward tal-ewwel kawzali, jigifieri li din il-Qorti taccetta li l-prova dokumentali gdida kienet timmerita li tithassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell u li ssir ir-ritrattazzjoni.

15. Illi in vista tal-fatt li l-Qorti diga` esprimiet ruhha li l-ewwel kawzali infondata fil-ligi, mhux mehtieg li din il-kawzali tigi kkunsidrata ulterjorment, salv li ghall-kompletezza jigi osservat li din il-kawzali wkoll tirrizulta nfondata ghaliex il-ligi tirrikjedi li l-izball ghandu jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza, u galadarba Dok. D ma jaghmilx parti mill-atti jew dokumenti tal-kawza, din il-kawzali ma tistax tirnexxi. Il-ligi titkellem b'mod car dwar liema sura ta' zball irid ikun biex iwassal li sentenza tigi mhassra.

16. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti hija tal-fehma li ma hemmx lok li s-sentenza impunjata tithassar u li l-kawza tinstema' mill-gdid.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi **tichad it-talbiet tar-rikorrenti ritrattand,** bl-ispejjez kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr